MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 265/2009

**Charmaine Chetcuti**

**Vs**

**Dunstan Farrugia u John Wilson**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Marzu 2009, l-atturippremetta u talab:-

1. *Peress illi fit-23 ta' Dicembru 2006, ir-rikorrenti kienet riekba fil-vettura misjuqa minn l-intimat Dunstan Farrugia fil-vettura BDJ-248 u dana fi Triq l-Erba Mwiezeb San Pawl il-Bahar;*

2. *Peress illi l-intimat l-iehor li kien qed isuq il-vettura REnualt Clio numru tar-registrazzjoni HAT 519 waqt li kien qed isuq fl-istess triq izda fid-direzzjoni opposta ghal vettura li fiha kienet riekba l-esponenti;*
3. *Peress li z-zewg intimati kienu qed isuqu l-vetturi taghhom rispettivament b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku tant li sehhet habta vjolenti hafna b'mod u manjiera illi l-esponenti kawza tal-istess incident stradali sofriet feriti ta' natura gravi ammontanti ghal feriment ta' tmienja fil-mija (8%) kif ser jirrizulta waqt il-kawza;*
4. *Illi kawza ta' dawn il-feriti l-esponenti sofriet danni kemm attwali u kif ukoll future lucrum cessans;*
5. *Illi l-esponenti interpellat lill-intimati sabiex jersqu ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni, izda dawn it-tnejn baqghu t-tnejn inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li z-zewg intimati jew min minnhom kienu responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-23 ta' Dicembru 2006 gewwa Triq l-Erba Imwiezeb, San Pawl il-Bahar u dana waqt li huma kienu qed isuqu l-vetturi BDJ-248 u HAT-519 rispettivament b'mod negligent, b'imperizja u b'nuqqas ta' regolamenti tat-traffiku;*
*2. Tiddikjara konsegwentement illi z-zewg intimati jew minn minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti fl-incident stradali li sehh mertu ta' dina l-kawza. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma konsegwenza tal-feriti gravi subiti minn l-esponenti u l-imsemmija danni huma kemm attwali u kif ukoll futuri;*
*3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*
*4. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihalsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kontra l-intimati u b'hekk l-istess intimati jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti huma kontumaci.

Konsiderazzjonijiet:-

1. Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh f'Burmarrad fit-23 ta' Dicembru 2006. L-attrici kienet passiggiera fil-vettura Peugeot 206 numru DBJ-248, misjuqa mill-konvenut Farrugia. Jidher li l-vettura l-ohra, Renault Clio numru HAT-519, qasmet it-triq u dahlet fil-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura li fiha kienet riekba l-attrici. Il-konvenut Farrugia xehed:

*"Nghid jiena kont gejn minn Bugibba hiereg mir-roundabout centrali ha naqbad it-triq ghal Burmarrad meta dahlet fija l-karozza in kwistjoni….. Jiena kont fuq il-lane tieghi*

*u hemm hekk kien l-incident. Fil-fatt indunajna wara li min dahal go fija kien gej mid-direzzjoni opposta u qabad is-centre strip u b'hekk baqa' diehel go fija. Nghid jiena kont bqajt fil-lane tieghi*' (fol. 46-47)[1].

Omm l-attrici, li kienet ukoll passiggiera fil-vettura DBJ-248, qalet:

*"Nghid li din il-karozza fuq in-naha l-ohra kienet qed taghmel movimenti mhux normali u bdiet sejra min-naha ghall-ohra tat-triq. F'daqqa wahda l-karozza xeghlet kollha, daret lejna, qabzet, dak iz-zmien kien hemm centre strip gholi u ddevjat ghal fuqna, kkraxxjat litteralment ghal fuqna. Imbaghad wara li gara dan giet fuq is-side taghna"* (fol. 62B).

Mill-provi li hemm fl-atti m'hemmx dubju li l-konvenut Wilson hu unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku.

2. Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni:-

   (a) **Damnum Emergens** – **€549.66** skond ricevuti li pprezentat l-attrici.

   (b) **Lucrum Cessans** – L-attrici xehedet li fiz-zmien li sehh l-incident ma kenitx tahdem[2]. L-attrici kellha 32 sena u skond ir-rapport tal-periti medici addizzjonali qeghda tbati minn debilita' permanenti ta' 3%[3]. Meta xehedet fis-seduta tas-27 ta' April 2012, l-attrici tat x'tifhem li l-griehi li sofriet irrendewha mhux kapaci biex tahdem. Madankollu mir-rapport tal-periti addizzjonali ma jidhirx li dan hu l-kaz. F'dan ir-rigward il-qorti tillikwida d-danni hekk:-

   €11,440[4] x 25 sena x 3% - 12%[5] = **€7,550.40**.

---

[1] Ara wkoll l-affidavit tal-attrici a fol. 23.

[2] Ghalkemm mir-rapport medici jidher li wara l-incident kien hemm zminijiet meta l-attrici hadmet, fl-atti m'hemmx dokumenti dwar id-dhul li kellha. Fic-cirkostanzi l-kalkoli ser isiru fuq il-paga minima.

[3] *"Jidher li s-sinjura Chetcuti garrbet xi ftit tal-hsara fit-tessuti rotob ta' ghonqha u daharha. Xi kultant dawn igeghluha tqum iebsa u mugugha. Izda dawn l-espisodji ma jidhrux li huma spissi hafna. Meta jigri jkollha tistrieh, tiehu xi Panadol meta tkun muguha. Fl-X rays ma kienx hemm l-ebda evidenza ta' hsara fil-ghadam/gogi"* (fol. 130). Ghalkemm fir-rapport *ex parte* ta' Mr Carmel Grixti jinghad li l-attrici ghandha debilita' permanenti ta' 8%, ir-rapport hu datat 22 ta' April 2007 (fol. 25). Jirrizulta li l-ezami mediku kien sar fit-12 ta' Marzu 2007. Min-naha l-ohra l-periti addizzjonali ezaminaw lill-attrici fid-19 ta' Frar 2014. Hu evidenti li seba' snin wara l-ezami mediku li sar minn Mr Grixti, il-kundizzjoni ta' sahha tal-attrici giet ghall-ahjar.

[4] Ghalkemm fis-sena 2006 il-paga minima nazzjonali kienet ta' €134.82 kull gimgha ghall-persuni ta' 18 il-sena 'l fuq, kull sena zdiedet (ara S.L. 452.71). Illum il-paga minima hi €166.26. Il-probabilita' hi li ser tkompli tizdied. Ghalhekk il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq paga ta' €220 fil-gimgha meqjus li l-

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tiddikjara li l-konvenut Wilson biss hu responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-23 ta' Dicembru 2006 fi Triq Erba' Imwiezeb, San Pawl il-Bahar.**
2. **Tichad it-talbiet in kwantu dawn saru fil-konfront tal-konvenut Farrugia.**
3. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' tmint elef u mitt ewro (€8,100).**
4. **Tikkundanna lill-konvenut Wilson sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef u mitt ewro (€8,100).**

**Bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez kontra l-konvenut Wilson**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

kalkoli ser isiru fuq firxa twila ta' snin (multiplier ta' 25 sena) u meqjus li mid-data tal-incident sal-lum il-paga minima diga' zdiedet b'€31.44 fil-gimgha.

[5] Ir-rikors guramentat gie pprezentat fis-17 ta' Marzu 2009. Ghalkemm ghaddew sitt snin, mill-atti hu evidenti li l-proceduri damu dawn is-snin kollha minhabba li l-attrici hadet hafna zmien biex tressaq il-provi.